QALA

Ref Nru: 36

Il-minuti tas-sitta u tletin laqgha tal-hames legislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar it-Tnejn 21 ta' Gunju 2010, fil-5:00 ta' filghaxija, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Paul Buttigieg |
| Vici Sindku | Dr Raymond Xerri |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Victor Grech<br>Jesmond Borg |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

**1 Talba.**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Approvazzjoni tal-minuti tal-hamsa u tletin laqgha.**

2.1 Peress li l-minuti tal-hamsa u tletin laqgha tqassmu qabel, dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

**3 Sistema ta' sigurita` fi Gnien il-Familja fi Triq l-Imgarr, Qala.**

3.1 Is-Sindku semma li nsterqu madwar sittin sigra minn dawk li gew imhawwla ftit tal-gimghat ilu fil-*picnic area* li huwa parti mill-progett ta' gnien sportiv u rikreazzjoni fl-*area* maghrufa bhala Ta' Grunju fi Triq l-Imgarr, Qala. Giet mibghuta *press release* mill-Kunsill lill-gazzetti lokali dwar dan l-att. Inharget ukoll stqarrija ghall-istampa mill-Ministeru ghar-Rizori u Affarijiet Rurali dwar dan. Is-Sindku semma li dan il-Ministeru sabu *sponsor* u ghalhekk il-Ministru l-Onorevoli George Pullicino ser jaghti lill-Kunsill 120 sigra ohra. Il-Kunsill iddiskuta l-possibilita` li titwahhal *camera* fi Gnien il-Familja izda gie deciz li ghalissa tintalab stima sabiex il-Kunsill jara ftit il-prezzijiet. Gew mibghuta zewg *press releases* ohra mill-Kunsill lill-gazzetti lokali dwar thawwil ta' sigar flok dawk misruqa.

**4 L-applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp f'Hondoq ir-Rummien bin-numri PA 3797/02 u PA 3798/02. – Rapporti ppreparati mill-konsulenti tal-Kunsill.**

4.1 Il-Kunsill iddiskuta l-*public hearing* dwar l-applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp f'Hondoq ir-Rummien bin-numri PA 3797/02 u PA 3798/02 li sar nhar is-27 ta' Mejju 2010, *public hearing* li kien wiehed moviment hafna. Saret diskussjoni dwar is-sala ta' l-iskola fejn sar il-*public hearing*, l-izviluppaturi imlew sala bil-kuntratturi u ma tantx hallew wisa` ghan-nies tal-Qala. Is-sala ceknuha minn quddiem u minn wara, quddiem b'mejda kbira u wara bil-*boards* fejn kien hemm esebit id-*drawings* u pjanti tal-progett propost taghhom. Punt iehor li gie diskuss huwa l-mod li ma hallewx li jsir kummenti bl-ingliz ghan-nies barranin. Is-Sindku semma li t-tlett rapporti dwar l-*Environmental Impact Statement* li gew ppreparati mill-konsulenti mqabbda mill-Kunsill gew sottomessi lill-Awtorita ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Dawn ir-rapporti ngabu ghall-laqgha. Is-Sindku semma li sallum it-*Traffic Impact Statement* ghadu mhux lest. Giet trattata diversi korrispondenza li jikkonsistu f'ittra li l-Kunsill ircieva minghand il-konsulent imqabbad mill-Kunsill Lino Bianco datata 11 ta' Mejju 2010 dwar it-*Traffic Impact Statement*, ittra mibghuta mill-Kunsill lil Jonathan Henwood fl-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fejn anness ntbghatu l-kummenti tas-Sindku li saru waqt il-*public hearing*, *acknowledgement* ghall-ittra tal-Kunsill minghand is-Sur Henwood, giet mibghuta ittra ohra mill-Kunsill datata 19 ta' Gunju 2010 lill-Dr Ciantar fil-Ministeru tar-Rizorsi u Affarijiet Rurali dwar l-ghotja ta' €10,000 lil Kunsill Lokali. Peress li l-Kunsillier Jesmond Borg kien assenti fil-hamsa u tletin laqgha, huwa gie mitlub jaghmel id-dikjarazzjoni tieghu dwar dan il-propost progett. Id-dikjarazzjoni tieghu hija kif gej:

4.2 Jien sa fejn hemm *Yacht Marina* ma naqbilx mal-progett, jekk inehhew il-*Yacht Marina* ejjew u niddiskutu imma m'iniex nghid li jekk inehhu il-*Yacht Marina* jien naqbel, imma niddiskutu u naraw. Il-bajja trid tibqa kif inhi nadifa jekk isir *Yacht Marina* il-bajja ma tibqax li hi.

4.3 Il-Kunsillier Paul Buttigieg xtaq izid mad-dikjarazzjoni li huwa ghamel fil-hamsa u tletin laqgha kif gej:

4.4 Jien kontra kull l-izvilupp ta' bini peress li waqt laqgha li l-Kunsill kellu mal-*case officers* ta' l-Awtorita ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, dawn l-istess *case officers* qalu li f'kull moment l-izviluppaturi jistghu jaghmlu *emendment* u ghalhekk nemmen li jekk l-izvilupp jibda bi ftit, il-quddiem jizdied. Jien naqbel ma l-*afforestation*.

**5 *Picnic area* parti mill-progett ta' gnien sportiv u rikreazzjoni fl-*area* maghrufa bhala Ta' Grunju fi Triq l-Imgarr, Qala – serq u thawwil ta' sigar.**

5.1 Is-Sindku semma li bhalissa il-*handy man* tal-Kunsill Emanuel Cutajar ma tantx jiflah u ghalissa waqqaf xi ftit mix-xoghol. It-tkomplija tal-hitan tas-sajjieh fil-*picnic area* li huwa parti mill-progett ta' gnien sportiv u rikreazzjoni fl-*area* maghrufa bhala Ta' Grunju fi Triq l-Imgarr, Qala qed isir mill-haddiema ta' l-IPSL wara talba li saret lis-Segretarju Parlamentari ghall-Konsumatur, Kompetizzjoni Gusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni

QALA

Pubblika l-Onorevoli Dr Chris Said. Is-serq u thawwil ta' sigar giet diskussa f'punt numru 3.

**6 Xoghol ta' *resurfacing* bit-tarmak (*hot rolled asphalt*) – Triq it-30 t'Ottubru 1948 it-tieni kisja tarmak u jinghata bidu ghax-xoghol fuq Triq is-Salib u Triq Santa Marija tal-Qala.**

6.1 Is-Sindku semma li Triq it-30 t'Ottubru 1948 nghatat it-tieni kisja tarmak u ghalhekk ix-xoghol f'din it-triq issa huwa lest. Huwa semma li l-kuntrattur applika sabiex jinbidlu l-*main* u s-servizzi ta' l-ilma ta' Triq is-Salib u Triq Santa Marija tal-Qala.

**7 Tkomplija tax-xoghol ta' restawr tal-Fortizza ta' Sant Antnin.**

7.1 Is-Sindku semma li ghadu ghaddej ix-xoghol ta' restawr fuq il-Fortizza ta' Sant Antnin. Giet trattata diversi korrispondenza li ghaddiet bejn il-Kunsill, il-Perit tal-Kunsill Edward Scerri, l-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u Din l-Art Helwa datati fix-xahar ta' Gunju 2010 dwar ix-xogholijiet li qed isiru.

**8 Jum il-Qala – rendikont ta' l-attivitajiet organizzati.**

8.1 Is-Sindku ta rendikont ta' l-attivitajiet li gew organizzati mill-Kunsill inkonnessjoni ma Jum il-Qala. Il-Kunsill iddiskuta dawn l-attivitajiet.

**9 Ghotja ta' €10,000 - Skema ta' Finanzjament ta' progett specjali f'lokalitajiet zghar.**

9.1 Giet trattata ittra mibghuta minn Martin Bugelli Direttur Generali Informazzjoni, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika - Dipartment ghall-Gvern Lokali dwar l-applikazzjoni li ssottomessa l-Kunsill ghall-iskema ta' finanzjament ta' progett specjali fl-lokalitajiet zghar, li giet milquha u li l-Kunsill ser jinghata €10,000. Il-Kunsill kien applika taht din l-iskema ghal xogholijiet fuq is-Sala tal-Komunita` fic-Centru Civiku Qala. Din hija wahda mill-iskemi li nharget mis-Segretarju Parlamentari ghall-Konsumatur, Kompetizzjoni Gusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika Dr Chris Said.

**10 Sejha ghall-offerti ghall-xogholijiet mehtiega fis-Sala tal-Komunita` fic-Centru Civiku Qala u ghal xogholijiet mehtiega sabiex isir il-Muzew Folkloristiku.**

10.1 Il-Kunsill iddecida li ghandha tinhareg sejha ghall-offerti ghall-xogholijiet mehtiega fuq is-Sala tal-Komunita` fic-Centru Civiku Qala u ghal xogholijiet mehtiega sabiex isir il-Muzew Folkloristiku.

## 11 Il-festa ta' San Guzepp 2010.

11.1 Is-Sindku semma li l-Kunsill bhas-soltu huwa responsabbli mit-tindif generali waqt u wara li jsir il-festa ta' San Guzepp kif ukoll dwar l-allokazzjoni tal-*mobile kiosks*.

## 12 Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf.

12.1 Giet trattata *memo* 73/2010 dwar Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf. Il-Kunsill iddecida li bhas-sena l-ohra, ghandu jiehu sehem f'din l-inizjattiva.

## 13 Materji ohra.

13.1 Is-Sindku semma li Dun Lawrenz Theuma residenti l-Qala ppubblika ktieb fuq il-lokalita` tal-Qala bl-isem 'Il-Qala matul iz-zminijiet'. Il-Kunsill iddecida li jixtri madwar tletin sa erbghin kopja minn dan il-ktieb.

13.2 Is-Sindku semma li huwa gie avvicinat minn Nutar Michael Refalo fejn semma li huwa ppublika ktieb fuq il-Magistrat Salvu Attard wild il-Qala u li huwa xtaq jaghti donazzjoni ta' *script* fuq dan il-Magistrat lill-Kunsill sabiex il-Kunsill ikun jista` jippubblikah fi ktejjeb. Il-Kunsill qabel ma dan.

13.3 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil Mgr. Emmanuel Curmi d-Direttur Dar l-Arka, fejn gie nformat li l-Kunsill qed jigbor donazzjoni ghall-Fondazzjoni Arka ghal kull ktieb 'Folklore in the Maltese Islands' li jitqassam. Il-Kunsill ircieva ittra ta' ringrazzjament minghand Mgr. Emmanuel Curmi.

13.4 Giet mibguta ittra mill-Kunsill lil l-awdituri Spitery Bailey & Co bhala risposta ghal-*management letter* ghas-sena finanzjarja li ghalqet fit-31 ta' Dicembru 2009.

13.5 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil Violet Galea Principal fid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali bhala risposta ghall-ittra taghhom dwar il-haddiema ta' l-IPSL f'Ghawdex.

13.6 Is-Sindku semma li minn Gunju 2010 r-rati tat-*tipping fee* ser joghlew u ghalhekk il-Kunsill irrid jara x'ghandu jaghmel minhabba s-servizz ta' l-*open skips* li qed jigi offrut lir-residenti nhar tat-Tlieta u nhar ta' Sibt. Giet trattata korrispondenza mibghuta minn Laurie Zammit mill-Koperattiva Indafa Pubblika Ghawdex, li hija l-koperattiva li l-Kunsill ghandu l-kuntratt tas-servizz ta' l-*open skips* maghha, dwar dawn ir-rati l-godda u x'bi hsiebu jaghmel il-Kunsill minhabba l-*open skips*. Il-Kunsill iddecida li ghandu jara l-ammont zejjed li ser jitnizzel dwar dan it-*tipping fee* fil-kont ta' Gunju 2010 sabiex jara jaqbilx li jkompli dan is-servizz jew le.

13.7 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill, mit-8 t' April 2010 sal-21 ta' Gunju 2010, minn referenza numru 24/10 sa referenza numru 45/10.

QALA

## 14 Korrispondenza.

14.1 Gew trattati l-ittri li gejjien:

14.2 Ittra mibghuta minn Marlene Attard Head DCC Secretariat Kummissjoni ghall-Kontroll ta' Zvilupp mill-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, fejn il-Kunsill nghata l-permess ta' l-izvilupp ghal bdil ta' uzu ta' bini fi Triq it-28 t'April 1688, minn ghassa tal-pulizija/ufficini tal-Kunsill ghal Muzew Folkloristiku.

14.3 Ittra mibghuta minn Margaret Falzon Asst Direttur Kuntratti ghad-Direttur tad-Direttorat ta' l-Artijiet fi hdan id-Dipartiment Proprjeta` tal-Gvern datata 31 ta' Mejju 2010 bhala risposta ghall-ittra tal-Kunsill dwar il-latrina pubblika fi Triq il-Wardija, Qala.

14.4 Ittra mibghuta minn Mario Xerri Socju Responsabbli mis-Socjeta` tad-Duttrina Nisranija – Museum Subien Qala fejn talab ghajnuna finanzjarja ta' xi spejjes inkonessi ma attivitajiet li huma jorganizzaw lit-tfal.

14.5 Ittra mibghuta minn Aldo Formosa mill-MEUSAC dwar *project proposal* taht is-sejha ta' l-ERDF fuq l-Energija.

Il-laqgha ntemmet fis-7:30 ta' fil-ghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar it-Tlieta 17 t' Awwissu 2010.

| | |
|---|---|
| Paul Buttigieg | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |